



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0463/2013**

16.12.2013

**\*\*\***

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubbliki tal-Kosta Rika, ta' El Salvador, tal-Gwatemala, tal-Ħonduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 49(3) tiegħu (12399/2013 – C7-0425/2013 – 2012/0219A(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	7



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubbliki tal-Kosta Rika, ta' El Salvador, tal-Gwatemala, tal-Ħonduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 49(3) tiegħu (12399/2013 – C7-0425/2013 – 2012/0219A(NLE))**

### **(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12399/2013),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubbliki tal-Kosta Rika, ta' El Salvador, tal-Gwatemala, tal-Ħonduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama, min-naħa l-oħra (13368/2012),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 209(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0425/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0463/2013),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubbliki tal-Kosta Rika, ta' El Salvador, tal-Gwatemala, tal-Ħonduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali (FDPK) ġie ffirmat fil-15 ta' Diċembru 2003 f'Ruma. Bi qbil mal-proċedura ta' "konsultazzjoni" li kienet applikabbli dak iż-żmien, il-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Parlament Ewropew approva l-konklużjoni tal-FDPK fl-2004<sup>1</sup>.

B'segwitu għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u għat-tlestija tal-proċedura ta' ratifika mill-Istati Membri f'Diċembru 2011, il-Kummissjoni ressqet proposta ġdida għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-FDPK fl-2012. Għalkemm it-test tal-FDPK inkluż f'dik il-proposta baqa' ma nbidilx, it-test tal-proposta ma ġiex ifformulat bl-istess mod bħat-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tressaq lill-Parlament Ewropew fl-2004. Peress li kwalunkwe bidla għal abbozz ta' proposta li jkun ġie approvat tirrikjedi r-ripetizzjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni, il-Parlament Ewropew ikollu jerġa' jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

Il-FDPK tfassal biex jibni fuq il-kooperazzjoni preċedenti stipulata mill-Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni tal-1993 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Ċentrali. Permezz tiegħu, il-Partijiet impenjaw ruħhom biex jaħdmu favur Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li ġie ffirmat f'Ġunju 2012 b'segwitu għal ħames snin ta' negozjati. Madankollu, issa japplika biss il-pilastru kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Għall-bqija, hemm bżonn u għadha pendenti r-ratifika mill-Istati Membri kollha tal-UE. Ladarba l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jkun daħal fis-seħħ kollu kemm hu, il-FDPK se japplika biss sal-punt li d-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu kompatibbli mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Il-test tal-FDPK hu maħsub biex:

- jikkonsolida l-proċess ta' djalogu politiku u ta' kooperazzjoni ekonomika mibni bejn il-Partijiet bħala parti mid-Djalogu ta' San Jose mibdi fl-1984 u mġedded f'Firenze fl-1996 u f'Madrid fl-2002;
- jsaħħaħ il-programm ta' kooperazzjoni rregolat mill-Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubbliki kkonċernati;
- jippromwovi żvilupp sostenibbli fiż-żewġ reġjuni permezz ta' sħubija għall-iżvilupp li tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u s-settur privat, skont il-prinċipji stabbiliti fil-Kunsens ta' Monterrey u fid-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg, u fil-Pjan għall-Implimentazzjoni tagħha;
- jistabbilixxi kooperazzjoni rigward kwistjonijiet ta' migrazzjoni u jħejji t-triq għal inizjattivi ġodda sabiex jintlaħqu miri komuni u sabiex tkun stabbilita bażi komuni f'oqsma bħall-integrazzjoni reġjonali, it-tnaqqis tal-faqar u l-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali, il-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kunflitti, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba, il-migrazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drogi u l-armi żgħar u armamenti ħfief.

It-Titolu ta' Djalogu Politiku jistituzzjonalizza u jsaħħaħ il-Proċess tad-Djalogu ta' San Jose. It-Titolu ta' Kooperazzjoni hu bbażat fuq il-kooperazzjoni attwali b'kopertura estiża biex tinkludi oqsma ta' kooperazzjoni ġodda bħad-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni u l-ġlieda

---

<sup>1</sup> ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 542.

kontra t-terroriżmu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.12.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 43 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Hiltrud Breyer, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Arnaud Danjean, Mário David, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Raimon Obiols, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Tonino Picula, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theoharous, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Boris Zala
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivo Vajgl
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrea Cozzolino, Ivari Padar